Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-10 ta' Lulju, 2026

KUNSILL LOKALI PAOLA

Il-Kunsill Lokali Paola jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Paola sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju, 2026, għal:

Avviż Nru PLA 10/2026. Xogħlijiet esterni ta' tisbiħ tal-binja tal-kunsill lokali fi Ġnien Pawlu Boffa, bl-użu ta' materjali u prattiki li ma jagħmlux ħsara 'l ambjent għall-Kunsill Lokali Paola.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-10 ta' Lulju, 2026

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

10th July, 2026

PAOLA LOCAL COUNCIL

The Paola Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Paola Local Council through ePPS, up to 9.00 a.m. of Friday, 24th July, 2026, for the:

Advt No. PLA 10/2026. External embellishment works of the local council's administrative building in Ġnien Pawlu Boffa, using environmentally friendly materials and practices for the Paola Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Council reserves the right of refusing any offer, even the most advantageous.

10th July, 2026

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

1771

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' April, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 100/26DC, fl-ismijiet: Lawrence Mizzi et vs Malta Boatmen & Mooring Services Co-Op Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz tar-rikors fl-ismijiet: Lawrence Mizzi (131493M) et vs Malta Boatmen & Mooring Services Co-Op Ltd (Reg. No. 110) ippreżentat fil-Qorti Ċivili Prim'Awla fis-6 ta' Frar, 2026, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 13th April 2026, in the records of the Sworn application number 100/26DC, in the names: Lawrence Mizzi et vs Malta Boatmen & mooring services Co-OP Ltd, the following publication was ordered in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Lawrence Mizzi (131493M) et vs Malta Boatmen & mooring services Co-OP Ltd (Reg. No. 110) filed in the First Hall Civil Court on the 6th February, 2026, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Tiddikjara li l-esponenti huma ħaddiema bix-xift;

2. Tiddikjara li l-kundizzjonijiet tax-xogħol ma jistgħux ivarjaw unilateralment u li ma tistax tivvittimizza lill-esponenti talli lmentaw fuq il-ħlas ta' paga;

3. Tiddikjara li s-sigħat kollha li l-esponenti jaħdmu/ħadmu waqt li jkunu 'on duty' jikkwalifikaw bħala 'working time' u għalhekk għandu isir ħlas ta' paga bir-rata ta' sahra għal dawk is-sigħat u tordna lill-Kooperattiva tħallas dak l-ammont kif likwidat lil esponenti;

4. Tiddikjara li s-sigħat kollha li l-esponenti jkunu fuq stand-by kull xahar jikkwalifika ukoll bħala 'working time' u tikkwantifika skont l-individwu, l-ammont dovut bħala paga bir-rata ta' sahra għal dawk is-sigħat li l-esponenti jagħmlu/għamlu stand-by kull xahar, u tordna lill-Kooperattiva tħallas dak l-ammont kif likwidat lil esponenti;

5. Tiddikjara li huwa dovut kumpens għal dawk il-ġranet li l-esponenti ħadmu fil-festi u l-Ħdud; tillikwida skont l-individwu, il-kumpens dovut u tordna lill-Kooperattiva tħallas dak l-ammont kif likwidat lil esponenti.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 100/2026DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-20 ta' Ottubru, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Malta Boatmen & Mooring Services Co-Op Ltd, 1st Floor, Vault VII, Valletta Waterfront, Il-Furjana

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistrarur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Declare that the applicants are shift workers;

2. Declare that the working conditions cannot vary unilaterally and that it cannot victimise the interpellants for complaining about the payment of wages;

3. Declare that all the hours that the interpellants work while on duty qualify as working time and thus payment of wages at the rate of overtime for those hours is to be made and order Cooperative to pay that amount as liquidated to the interpellant;

4. Declare that all the hours that the interpellants spend on stand-by every month also qualifies as working time and quantify according to the individual, the amount due as wages at the rate of overtime for those hours that the interpellants spend on stand-by every month, and order Cooperative to pay that amount as liquidated to the interpellant;

5. Declare that compensation is due for those days that the applicants worked on holidays and Sundays; liquidate according to the individual, the compensation due and order Cooperative to pay that amount as liquidated to the interpellant.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 100/2026DC in the names mentioned above is postponed to the 20th October 2026, fid-9.00 a.m.

Notification respondent: Malta Boatmen & Mooring Services Co-Op Ltd, 1st Floor, Vault VII, Valletta Waterfront, Floriana

Registry of the Superior Courts, today 8th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1772

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1243/2025JPG, fl-ismijiet Guimin Mifsud vs Anton Mifsud u Christine Mifsud, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Guimin Mifsud (0138000A) vs Anton Mifsud (126689M) u Christine Mifsud (261184M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-4 ta' Diċembru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti hija intitolata għall-flejjes kollha depożitati mal-APS Bank plc intestati f'isem id-defunt John Mifsud u li kien hemm fil-ġurnata tal-mewt tiegħu;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 18th June, 2026, in the records of the Sworn application number 1243/2025JPG, in the names Guimin Mifsud vs Anton Mifsud and Christine Mifsud, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Guimin Mifsud (0138000A) vs Anton Mifsud (126689M) and Christine Mifsud (261184M) filed in the Civil Court First Hall on the 4th December, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the applicant is entitled to all monies deposited with APS Bank plc in the name of the deceased John Mifsud and that there was on the day of his death;

2. Tordna lill-intimati sabiex jew iħallsu lill-esponenti l-ammont hemm depożitat fil-ġurnata tal-mewt, jew jawtorizzaw il-Bank APS jirrilaxxja s-somma jew l-ammont rimanenti u fl-eventwalità li sar xi tnaqqis, iħallaslu d-differenza lill-esponenti.

Bl-ispejjeż tal-preżenti, bl-imgħax mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni u bl-intimat minn issa inġunti in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1243/2025JPG fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-26 ta' Ottubru, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika intimat: Anton Mifsud, Don Juan Court, Flat 1, Triq Bir Miftuħ, Il-Gudja

Christine Mifsud, Don Juan Court, Flat 1, Triq Bir Miftuħ, Il-Gudja

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. order the respondents to either pay the interpellant the amount deposited on the day of death, or authorise APS Bank to release the remaining sum or amount and in the event that any deduction has been made, pay the difference to the interpellant.

With costs of this present, with interest from the date of the opening of the succession and with the respondent from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 1243/2025JPG in the names mentioned above is postponed to the 26th October, 2026, at 9.30 a.m.

Notify respondent: Anton Mifsud, Don Juan Court, Flat 1, Triq Bir Miftuħ, Gudja

Christine Mifsud, Don Juan Court, Flat 1, Triq Bir Miftuħ, Gudja

Registry of the Superior Courts, today 8th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1773

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fit-28 ta' Mejju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 68/2026LM, fl-ismijiet: Rose Marie Portelli et vs l-Avukat L-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Rose Marie Portelli (KI16253M) et vs L-Avukat L-Istat u Richard Ellul (KI 708247M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-26 ta' Frar, 2026, l-intimati jgħidu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi qabel l-emenda ai termini tal-Att XXIV tal-2021 Kap.69 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-Att X tal-2009, sentjatament iżda mhux biss dawk introdotti fil-Kodiċi Ċivili permezz tal-artikoli 1531B,1531Ċ,1531F u 1531K, jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif tutelati permezz tal-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens pekunjarju u danni morali sofferti mir-rikorrenti;

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti;

4. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat sabiex iħallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati;

By means of a decree given by the Civil Court First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 28th May, 2026, in the records of the Sworn application number 68/2026LM, in the names: Rose Marie Portelli et vs the State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names Rose Marie Portelli (KI16253M) et vs the State Advocate and Richard Ellul (ID 708247M) filed in the Civil Court First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 26th February, 2026, the respondents state this Honourable Court why it should not;

1. Declare and decide that before the amendment in terms of Act XXIV of 2021 Kap.69 of the Laws of Malta as well as of Act X of 2009, especially but not only those introduced in the Civil Code by means of Articles 1531B,1531 C ,1531F and 1531K, violate the fundamental rights of the applicants as interpreted by means of Articles 37 and 39 of the Constitution of Malta;

2. Declare and decide that the respondent State Advocate is responsible for pecuniary compensation and moral damages suffered by the applicant;

3. Liquidate the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as suffered by the applicant;

4. Condemn the respondent State Advocate to pay the same compensation and damages so liquidated;

5. Tagħti kull rimedju u/jew provvediment ieħor meħtieġ.

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kontra l-intimati jew min minnhom, li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 68/2026LM fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-16 ta' Settembru, 2026, fl-10.00 a.m.

Notifika: Richard Ellul, 47, Triq Nicolò Isouard, Tas-Sliema, Malta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

5. Give all necessary remedial and/or other provisions.

With costs and legal interest against the respondents or either of whom, who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 68/2026LM in the names mentioned above is postponed to 16th September, 2026, at 10.00 a.m.

Notify: Richard Ellul, 47, Triq Nicolò Isouard, Tas-, Malta

Registry of the Superior Courts, today 8th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1774

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' April, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 243/2026DC, fl-ismijiet: Impel Communications Limited vs Isaac Gatt Valletta et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Impel Communications Limited (C36517) vs Isaac Gatt Valletta et (KI 0437602L) ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-16 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti talbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna u tillikwida, għar-raġunijiet premessi, lill-konvenuti sabiex solidament bejniethom iħallsu lill-attriċi Impel Communications Limited is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000.00), jew somma verjuri, rappreżentanti ammonti dovuti bħala ħlas żejjed li sar lilhom għal xogħlijiet f'39, Triq Ta' Ċenċ k/m Triq Marsilja, Ta' Sannat, Għawdex, u kif ukoll ammonti minħabba tiswijiet ta' xogħlijiet li saru ħażin f'39, Triq Ta' Ċenċ k/m Triq Marsilja, Ta' Sannat, Għawdex.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 19/2026 ippreżentata nhar il-11 ta' Frar, 2026, ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 209/2026 u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti sad-data ta' ħlas effettiv, li huma minn issa inġunt in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 243/2026DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-15 ta' Lulju fid-9.30 a.m.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 30th April, 2026, in the records of the Sworn application number 243/2026DC, in the names: Impel communications Limited vs Isaac Gatt Valletta et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names IMPEL communications Limited (C36517) vs Isaac Gatt Valletta et (ID 0437602L) filed in the Civil Court First Hall on the 16th March, 2026, the applicants respectfully asked this Honourable Court to:

1. Decide this case without proceeding to a hearing in terms of Article 167 of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Condemn and liquidate, for the reasons premised, the defendants so that in solidum between them they pay the plaintiff Impel Communications Limited the sum of twenty five thousand euro (€25,000.00), or more precise sum, representing amounts due as excess payment made to them for works at 39, Triq Ta'Ċenċ c/w Triq Marsilja, Ta'Sannat, Gozo, as well as amounts due to repairs of works carried out incorrectly at 39, Triq Ta' Ċenċ c/w Triq Marsilja, Ta'Sannat, Gozo.

With costs including those of the judicial letter with number 19/2026 filed on the 11th February, 2026, in terms of Art. 166A of Cap. 12 of the Laws of Malta and the precautionary garnishee order with number 209/2026 and legal interest against the defendants till the date of effective payment, who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 243/2026DC in the names mentioned above is postponed to the 15th July at 9.30 a.m.

Notifiki: Mahmoud Altlas, 124, St Peter, Triq Domenico Cachia, Birkirkara BKR 1012

Alayyash Abdülkadir c/o 23, Degabriele Mansions, Flat 1, Triq il-Ħortan, Marsaskala

Reġistu tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Services: Mahmoud Altlas, 124, St Peter, Triq Domenico Cachia, Birkirkara BKR 1012

Alayyash Abdülkadir c/o 23, Degabriele Mansions, Flat 1, Triq il-Ħortan, Marsaskala

Registry of the Superior Courts, today 8th July, 2026

GABRIEL MANGION
for the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1775

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Marzu, 2026, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1294/2025JVC, fl-ismijiet Lapsi Estate Ltd vs David Bondin, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Lapsi Estate (C268) vs David Bondin (19977M), ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Diċembru, 2025, l-esponenti qiegħda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat qiegħed jokkupa u jiddetjeni abbużivament, illegalment u mingħajr titolu fil-liġi l-boathouse msemmija;

2. Tordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-imsemmija boathouse u dan fi żmien qasir u perentorju;

3. Tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli għal danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti minħabba l-aġir abbusiv u illegali tiegħu;

4. Tillikwida l-istess danni sofferti okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi u tordna l-ħlas tal-istess.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huma minn issa inġunt biex jidher għas-subizzjoni u b'riżerva ta' kull dritt ta' azzjoni u rimedju fil-liġi.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1294/2025JVC, fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-14 ta' Lulju, 2026, fid-9.05 a.m.

Notifika: David Bondin,Villa Marita, 84, Triq Lapsi, Is-Siġġiewi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 24th March, 2026, in the records of the Sworn application number 1294/2025JVC, in the names Lapsi Estate Ltd vs David Bondin, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Lapsi estate (C268) vs David Bondin (19977M), filed in the Civil Court First Hall, on the 18th December, 2025, the applicant is humbly asking this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the respondent is abusively occupying and holding, illegally and without title at law, the boathouse mentioned;

2. Order the eviction of the respondent from the said boathouse and this within a short and peremptory period;

3. Declare that the respondent is responsible for damages suffered by the applicant company due to his abusive and illegal behaviour;

4. Liquidate the same damages suffered if necessary by the appointment of referees and order the payment of the same.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made and saving any right of action and remedy at law.

The Sworn application number 1294/2025JVC, in the names mentioned above is postponed to the 14th July, 2026, at 9.05 a.m.

Notification: David Bondin, Villa Marita, 84, Triq Lapsi, Siġġiewi

Registry of the Superior Courts, today 8th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1776

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-7 ta' Mejju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 288/2026FDP, fl-ismijiet: Peter-Paul Cefai et vs Jason Caruana, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Peter-Paul Cefai (KI 437962M) et vs Jason Caruana (KI 43977M) ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddeċiedi t-talba bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 167(1)(b) et sequitur tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li din hija azzjoni għal żgumbrament billi l-intimat m'għandux titolu validu skont il-liġi u peress li fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti għat-talba tagħhom;

2. Tikkundanna lill-intimat jiżgombra fi żmien qasir u perentorju mill-fond 2, St Francis Street, Il-Furjana, stante li m'għandux titolu validu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 288/2026FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-14 ta' Lulju, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika: Jason Caruana, 2, St Francis Street, Il-Furjana

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 7th May, 2026, in the records of the Sworn application number 288/2026FDP, in the names: Peter-Paul Cefai et vs Jason Caruana, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Peter-Paul Cefai (ID 437962M) et vs Jason Caruana (ID 43977M) filed in the Civil Court First Hall on the 26th March, 2026, the applicants asked this Honourable Court to:

1. decide the case without proceeding to a hearing in terms of Article 167 (1) (b) et sequitur of the Kap.12 of the Laws of Malta since this is an action for eviction as the respondent does not have a valid title according to law and because in the opinion of the applicants the respondent has no pleas to give to their demand;

2. Condemn the respondent to vacate within a short and peremptory period from the premises 2, St Francis Street, Floriana, since he does not have a valid title according to law.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 288/2026FDP in the names mentioned above is postponed to the 14th July, 2026, fid-9.30 a.m.

Notify: Jason Caruana, 2, St Francis Street, Floriana

Registry of the Superior Courts, today 8th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1777

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-7 ta' Lulju, 2026, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fis-7 ta' Lulju, 2026, ġie ordnat li jintgħażlu:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree issued on the 7th of July, 2026, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By virtue of a decree given on the 7th of July, 2026, the selection of was ordered:

i) Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-utile dominju tal-proprjetà bin-numru 11, Triq il-Forn, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ;

ii) Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-persuni mhux magħrufa, suċċessuri tal-entità Conti Sant Cassia rappreżentanti l-utile dominju tal-proprjetà bin-numru 12, Triq il-Forn, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ;

iii) Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-persuni mhux magħrufa tal-eredi tas-subutilisti John Borg u Loretu Xuereb rappreżentanti s-subċens fuq il-proprjetà bin-numru 12, Triq il-Forn, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, u dan hekk kif hawn taħt indikat u pattwit.

Intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens annwu u perpetwu indikat, u dan fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens, liema ċedola ġġib in-numru 193/2026 FG fl-ismijiet:

'Dr Maria Bartolo Dimech

vs

i) Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-utile dominju tal-proprjetà bin-numru 11, Triq il-Forn, Marsalforn limiti Żebbuġ;

ii) Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-persuni mhux magħrufa, suċċessuri tal-entità Conti Sant Cassia rappreżentanti l-utile dominju tal-proprjetà bin-numru 12, Triq il-Forn, Marsalforn limiti Żebbuġ;

iii) Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-persuni mhux magħrufa tal-eredi tas-subutilisti John Borg u Loretu Xuereb rappreżentanti s-subċens fuq il-proprjetà bin-numru 12, Triq il-Forn, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, u dan hekk kif hawn taħt indikat u pattwit;'

Liema ċedola ġiet ippreżentata fil-15 ta' Ġunju, 2026, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Iċ-Ċedola taqra hekk:

Ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Dr Maria Bartolo Dimech nomine, mart Daniel Bartolo, bint Joseph Dimech u Melina Dimech née Formosa, imwielda r-Rabat, Għawdex, nhar id-dsatax ta' April elf disa mija tlieta u disgħin (19/4/1993) u residenti Rabat, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 24993G, li qed tidher għan-nom u inrappreżentanza tal-kumpanija Elzan Properties Limited kumpanija numru C86669 bl-indirizz reġistrat 'Elzan', Triq l-Arċisqof Pietru Pace, Ir-Rabat, Għawdex, hekk kif awtorizzata peremezz tal-board resolution hawn annessa.

i) Deputy curators to represent the unknown heirs of the utile dominium of the property with number 11, Triq il-Forn, Marsalforn limits of Żebbuġ;

ii) Deputy curators to represent the unknown persons, successors of the entity Conti Sant Cassia representing the utile dominium of the property with number 12, Triq il-Forn, Marsalforn, limits of Żebbuġ;

iii) Deputy curators to represent the unknown persons of the heirs of the sub-utilists John Borg and Loretu Xuereb representing the sub ground-rent on the property with number 12, Triq il-Forn, Marsalforn, limits of Żebbuġ, and this as hereunder indicated and agreed.

Entitled to receive the annual and perpetual ground-rent indicated, and this in the acts of the schedule of deposit and redemption of ground-rent, which schedule bears the number 193/2026 FG in the names of:

'Dr Maria Bartolo Dimech

vs

i) Deputy curators to represent the unknown heirs of the utile dominium of the property with number 11, Triq il-Forn, Marsalforn limits of Żebbuġ;

ii) Deputy curators to represent the unknown persons, successors of the entity Conti Sant Cassia representing the utile dominium of the property with number 12, Triq il-Forn, Marsalforn limits of Żebbuġ;

iii) Deputy curators to represent the unknown persons of the heirs of the sub-utilists John Borg and Loretu Xuereb representing the sub ground-rent on the property with number 12, Triq il-Forn, Marsalforn limits of Żebbuġ, and this as hereunder indicated and agreed';

Which schedule was filed on the 15th of June, 2026, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The Schedule reads as follows:

Schedule of deposit and contextual redemption of ground-rent of Dr Maria Bartolo Dimech nomine, wife of Daniel Bartolo, daughter of Joseph Dimech and Melina Dimech née Formosa, born in Rabat, Gozo on the nineteenth April one thousand nine hundred and ninety three (19/4/1993) and residing in Rabat, Gozo, holder of identity card number 24993G, who is appearing in the name and in representation of the company Elzan Properties Limited company number C86669 with registered address 'Elzan', Triq l-Arċisqof Pietru Pace, Victoria, Gozo, as authorised by means of the attached board resolution.

Tesponi bir-rispett:

Illi r-rikorrenti hija proprjetarja tal-fond bin-numru uffiċjali ħdax (11) u tnax (12) bl-isem 'Dertrude', fi Triq il-Forn, Marsalforn, limiti taż-Żebbug, Għawdex, liema fond qed jiġi hawn immarkat fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument 'A';

Illi r-rikorrenti akkwistat il-proprjetà permezz tal-kuntratt ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Dott. Kristen Dimech datat is-sitta ta' Frar tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) liema kuntratt qed jiġi hawn anness u mmarkat Dokument 'B';

Illi mir-riċerki u ċoè mil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat it-tmienja u għoxrin ta' Jannar tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (1982) irriżulta illi fl-ewwel lok, il-fond bin-numru ħdax (11) huwa suġġett għal ċens annwu u perpetwu fl-ammont ta' għaxar ċenteżmi u żewġ milleżmi (Lm0.10,2) ekwivalenti għal tlieta u għoxrin ċenteżmu (€0.23), liema ċens huwa dovut lill-eredi mhux magħrufa tal-utile dominju ta' dan iċ-ċens, liema kuntratt qed jiġi hawn anness u mmarkat Dokument 'C';

Illi fit-tieni lok, irriżulta wkoll illi fir-rigward tal-fond numru tnax (12) fi Triq il-Forn, Marsalforn, il-proprjetà hija suġġetta għal ċens annwu u perpetwu fl-ammont ta' disa' xelini u sitt soldi (9s6d), ekwivalenti għal erbgħa u sebgħin ċenteżmu u ħames milleżmi (€0.74.5) liema ċens huwa dovut lill-eredi mhux magħrufa tal-entità magħrufa bħala Conti Sant Cassia kif ukoll għal-subċens ta' żewg liri (Lm2) dovuti lill-eredi ta' John Borg u Loretu Xuereb in total fl-ammont kollu ta' żewġ liri sebgħa u erbgħin ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm2.47c5) illum ekwivalenti għal ħames ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€5.77) u dan hekk kif jidher mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar John Busuttil datat is-sitta (6) ta' Frar tas-sena elf disa' mija tlieta u sittin (1963) li qed jiġi hawn anness u mmarkat Dokument 'D';

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha bl-artikolu elf ħames mija u wieħed (1501) tal-Kapitlu sittax (16) tal-Kodiċi Ċivili u tifdi ċ-ċens;

Illi s-somma ta' ċens fir-rigward il-proprjetà bin-numru ħdax (11) hija ta' tlieta u għoxrin ċenteżmu (€0.23) kapitalizzata bil-ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal erbgħa ewro u sittin ċenteżmu (€4.60);

Illi s-somma ta' ċens fir-rigward il-proprjetà bin-numru tnax (12) hija ta' sebgħa u erbgħin ċenteżmu u ħames milleżmi (€0.47.5) kapitalizzata bil-ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal disgħa ewro u ħamsin ċenteżmu (€9.50);

Respectfully pleads:

That the applicant is the owner of the premises with official number eleven (11) and twelve (12) with the name 'Dertrude', in Triq il-Forn, Marsalforn, limits of Żebbuġ, Gozo, which premises is being marked on the plan hereby attached and marked Document 'A';

That the applicant acquired the property by means of a contract of acquisition in the records of Notary Dr Kristen Dimech dated sixth February of the year two thousand twenty three (2023) which contract is being hereby attached and marked Document 'B';

That from the searches and namely from the contract in the records of Notary Michael Refalo dated twenty eight January of the year one thousand nine hundred eighty two (1982) it resulted that in the first place, the premises with number eleven (11) is subject to an annual and perpetual ground-rent in the amount of ten cents and two mils (Lm0.10,2) equivalent to twenty three cents (€0.23) which ground-rent is due to the unknown heirs of the utile dominium of this ground-rent, which contract is hereby being attached and marked Document 'C';

That in the second place, it also resulted that as regards the premises number twelve (12) in Triq il-Forn, Marsalforn, the property is subject to an annual and perpetual ground-rent in the amount of nine shillings and six pence (9s6d), equivalent to seventy four cents and five mils (€0.74.5) which ground-rent is due to the unknown heirs of the entity known as Conti Sant Cassia as well as to the sub ground-rent of two (Lm2) liri due to the heirs of John Borg and Loretu Xuereb in total in the total amount of two liri forty seven cents and five mils (Lm2.47c5) today equivalent to five euro and seventy seven cents (€5.77) and this as appears from the contract in the records of Notary John Busuttil dated six (6) of February of the year one thousand nine hundred sixty three (1963) which is being hereby attached and marked Document 'D';

That the applicant wishes to avail herself of the faculty given to her by Article one thousand five hundred and one (1501) of Cap. sixteen (16) of the Civil Code and redeem the ground-rent;

That the sum of ground-rent regarding the property with number eleven (11) is twenty three cents (€0.23) capitalised at five percent (5%) amounts to four euro and sixty cents (€4.60);

That the sum of ground-rent regarding the property with number twelve (12) is forty seven cents and five mills (€0.47.5) capitalised at five per cent (5%) amounts to nine euro and fifty cents (€9.50);

Filwaqt illi s-somma tas-sub-ċens fuq il-proprjetà bin-numru tnax (12) hija ta' ħames ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€5.77) kapitalizzata bil-ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal-mija u ħmistax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€115.40);

Illi sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà, l-esponenti qegħdin ukoll jiddepożitaw tletin (30) annata ta' ċens, ammontanti għal mija tlieta u sebgħin ewro u għaxar ċenteżmu (€173.10); u għal sitt ewro u disgħin ċenteżmu (€6.90c) rispettivament;

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbilta` qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma komplessiva ta' tliet mija u disa' ewro u ħamsin ċenteżmu (€309.50) rappreżentanti l-fidi ta' ċens u arretrati ta' ċens kif fuq indikat fuq il-proprjetà bin-numru ħdax (11) u bin-numru tnax (12) fi Triq il-Forn, Marsalforn, minn liema l-ammont ta' mija u tnejn u erbgħin ewro u sittin ċenteżmu (€142.60) tista' tiġi liberament żbankata mill-kuratur deputat rappreżentanti tal-eredi mhux magħrufa tal-utile dominju tal-proprjetà bin-numru 11, Triq il-Forn, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, filwaqt illi s-somma ta' tlieta u għoxrin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€23.75) tista' tiġi liberament żbankata mill-kuratur deputat rappreżentanti lill-persuni mhux magħrufa suċċessuri tal-entità Conti Sant Cassia filwaqt illi l-ammont ta' mija u tlieta u erbgħin ewro u ħmistax il-ċenteżmu (€143.15) jista' jiġi liberament żbankat mill-kuraturi deputati rappreżentanti lill-persuni mhux magħrufa tal-eredi tas-subutilisti John Borg u Loretu Xuereb u dan wara li titħalla debita riċevuta skont il-liġi.

(ft) L-Av. Maria Bartolo Dimech
19, Triq Mary Mejlaq, Ir-Rabat, Għawdex
79081901
(drmdimech@gmail.com)

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Franca Giordmaina, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Whereas the sum of the sub-ground-rent on the property with number twelve (12) is five euro and seventy seven cents (€5.77) capitalised at five per cent (5%) amounts to one hundred and fifteen euro and forty cents (€115.40);

That in order to exempt themselves from all responsibility, the applicants are also depositing thirty (30) annals of ground-rent, amounting to one hundred seventy three euro and ten cents (€173.10); and to six euro and ninety cents (€6.90c) respectively;

Thus, the applicant in order to exonerate herself from all responsibility is requesting this Honorable Court and under its authority is depositing the total sum of three hundred and nine Euro and fifty cents (€309.50) representing the redemption of ground-rent and ground-rent arrears as above indicated on the property with number eleven (11) and number twelve (12) in Triq il-Forn, Marsalforn, from which the amount of one hundred and forty two euro and sixty cents (€142.60) can be freely withdrawn by the deputy curator representing the unknown heirs of the utile dominium of the property number 11, Triq il-Forn, Marsalforn limits of Żebbuġ, whilst the sum of twenty three Euro and seventy five cents (€23.75) can be freely withdrawn by the deputy curator representing the unknown persons, successors of the entity Conti Sant Cassia whilst the amount of one hundred and forty three euro and fifteen cents (€143.15) can be freely withdrawn by deputy curators representing the unknown persons of the heirs of the sub-utilists John Borg and Loretu Xuereb upon tendering due receipt according to law.

(ft) Adv. Maria Bartolo Dimech
19, Triq Mary Mejlaq, Victoria, Gozo
79081901
(drmdimech@gmail.com)

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to enter as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that they so accept.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Doctor Franca Giordmaina, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit., a Magistrate of the aforementioned Court.

Illum 7 ta' Lulju, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

This 7th of July, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1778

ARB/C072/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-30 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott, Gabriella Vella LLD). Kumpilazzjoni Numru 5197/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MAXIMO LUNA DIAZ, ta' 60 sena, bin Maximino Luna Diaz u Catalina Aracena xebba Diaz, imwieled fir-Repubblika Dominikani, fit-8 ta' Mejju, 1966, u resident fi 80, Il-Ġardina, Triq il-Markiż G. Scicluna, In-Naxxar, Malta, u detentur tal-passaport Olandiż bin-numru NT5CKJ1R4.

Il-Qorti qed tordna Ordni ta' Qbid u Ffriżar u qiegħda tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil MAXIMO LUNA DIAZ jew ikunu jmissu lilu jew ikunu proprjetà tiegħu, u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli u dan ai termini tal- Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluži u tal-Artikolu 120A(2A) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta dwar tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika.

Il-Qorti qed tawtorizza, li tul iż-żmien li jkun fis-seħħ dan l-Ordni ta' Friżar, jirċievi s-somma ta' tlettax-il elf disa' mija sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, b'dan li qabel għandhom jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inkluži salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jkunu se jitħallsu lill MAXIMO LUNA DIAZ.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl' Artikolu 23A, Artikolu 22A u Artikolu 120A(2A) u tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

ARB/C072/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 30th June, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Gabriella Vella, LLD). Compilation Number 5197/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MAXIMO LUNA DIAZ, of 60 sena, son of Maximino Luna Diaz and Catalina Aracena née Diaz, born at Dominican Republic, on the 8th May, 1966, and residing at 80, Il-Ġardina, Triq il-Markiż G. Scicluna, Naxxar, Malta, and holder of Netherland passport bearing number NT5CKJ1R4.

The Court issued a Seizure and Freezing Order and ordered the attachment, in the hands of third parties, all monies and all movable or immovable property due to or belonging to MAXIMO LUNA DIAZ or which is his property and prohibits the accused from transferring or otherwise disposing of any movable or immovable property. This is in terms of Article 23A of Cap. 9 of the Laws of Malta, Article 22A of Cap. 101 of the Laws of Malta Dangerous Drugs Ordinance and Article 120A (2A) of Cap. 31 of the Laws of Malta, Medical and Kindred Professions Ordinance.

The Court authorizes that, for the duration of this Freezing Order, the recipient may receive the sum of thirteen thousand nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, provided that the sources, method, and other modalities of payment are first specified, including any salary, wages, pension, and social benefits that are to be paid to MAXIMO LUNA DIAZ.

Any person who does anything in breach of the Court order referred to in Article 23A, Article 22A and Article 120A (2A) shall be guilty of an offence and, upon conviction, shall be liable to a fine (multa) of not more than eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a term of not more than twelve months, or to both such fine and imprisonment together.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Ilum 7 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 7th July, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1779

ARB/C075/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dott. Tanya Sammut, LLD), Kumpilazzjoni Numru 5179/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

IAN ZAMMIT, ta' 37 sena, iben Christopher Zammit u Joan Zammit xebba' Giordmaina, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-23 ta' April, 1989, u residenti f'Chayanne Crt, Flat 9, Triq it-Terħa, Ħal Għaxaq, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 227489M b'indirizz reġistrat. Susannah Crt, Flat 2, Triq il-Bħajra, Iż-Żejtun.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' IAN ZAMMIT u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal- Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 5, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 7 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

ARB/C075/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 28th June, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Tanya Sammut, LLD), with Compilation Number 5179/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

IAN ZAMMIT, 37 years, son of Christopher Zammit and Joan Zammit née Giordmaina, born in Tal-Pietà, Malta, on the 23rd April, 1989, and residing at Chayanne Crt, Flat 9, Triq it-Terħa, Ħal Għaxaq, and holder of a Maltese identity card bearing number 227489M with registered address ' Susannah Crt, Flat 2, Triq il-Bħajra, Żejtun'.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to IAN ZAMMIT and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 36, Article 22A and Article 5, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 7th July, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1780

ARB/C076/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-27 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Antoine Agius Bonnici, LLD), Kumpilazzjoni Numru 5417/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ABDULRAHMAN MUSTAFA, ta' 24 sena, imwieled is-Somalja, fit-3 ta' Jannar, 2002, u residenti f'102, Swansea Crt, Flat 1, Triq Manouel De Vilhena, Il-Gżira, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 0404066A.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' ABDULRAHMAN MUSTAFA u pprojbiethu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 9 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

ARB/C076/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 27th June, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Antoine Agius Bonnici, LLD), with Compilation Number 5417/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

ABDULRAHMAN MUSTAFA, 24 years, born in Somalia, on the 3rd January, 2002, and residing at 102, Swansea CRT, Flat 1, Triq Manouel De Vilhena, Gżira, and holder of a Maltese identity card bearing number 0404066A.

